# LAQGĦA PLENARJA STRAORDINARJA - OTTUBRU 2018

Minuti

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
lca@lca.org.mt

# Kontenunt


Laqgħa Plenarja Straordinarja ........ 2

Minuti ........ 2

**1. Introduzzjoni mill-President** ........ 3

**2. Addozzjoni tal-Aġenda, qari u approvazzjoni tal-Minuti** ........ 3

**3. Punti maħruġa mill- minuti** ........ 3

**4. Spjegazzjoni tal-Proposti fl-emenda tal-liġi għall- Gvern Lokali mill- President, is-Sur Mario Fava** ........ 3

**6. Diskors mill-Perit Carmel Caccopardo (Alternattiva Demokratika)** ........ 11

**7. Diskors mill-Kelliem ghal Gvern Lokali, l-Onor. Robert Cutajar** ........ 12

**8. Diskors mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis** ........ 12

**9. Konklużjoni mill-President tal-Assocjazzjoni, s-Sur Mario Fava** ........ 13

**10. Aġġornament** ........ 13

## Laqgħa Plenarja Straordinarja

**Data**: Is-Sibt, 27 t' Ottubru 2018

**Post**: Dolmen Hotel Bugibba

**Ħin**: 8:30am

## Minuti

1. Introduzzjoni mill- President, is-Sur Mario Fava.
2. Addozzjoni tal-Aġenda, qari u approvazzjoni tal-Minuti (Laqgħa Plenarja 7 ta' Lulju 2018)
3. Punti maħruġa mill- minuti
4. Spjegazzjoni tal-Proposti fl-emenda tal-liġi għall- Gvern Lokali mill- President, is-Sur Mario Fava
5. Spjega fuq is-suġġett mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, is- Sur Natalino Attard
6. Preżentazzjonijiet tal- Workshops
    a. Ir-Reġjuni : Bdil fil-kompożizzjoni tar-Reġjuni kif ukoll tisħieħ fl-irwol u r-responsabbilitajiet immexxi mis-Sur Jesmond Aquilina
    b. Il-Qasam Soċjali, Edukattiv u Komunitarju : Estensjoni ta' servizzi, għarfien liċ-ċittadin, permessi maħruġa, tisbiħ fil-lokalita u integrazzjoni immexxi mis-Sur Mark Grech
    c. Il-Kariga tas-Sindku u responsabilitajiet tal-Kunsilliera Lokali u t-terminazzjoni tal-Kumitati Amministrattivi mmexxi mis-Sur Michael Cohen
    d. Parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini lokali; sehem akbar miż-żgħażagħ mmexxi mis-Sur Sandro Craus
    e. Tisħiħ fir-riżorsi umani u fl-amministrazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali

7. Konklużżjonijiet fuq il-punti diskussi waqt il workshops mill-President, is-Sur Mario Fava
8. Konklużżjonijiet mill- Perit Carmel Cacopardo (Alternativa Demokratika),
9. Konklużżjonijiet mill- Kelliem għall- Gvern Lokali, l-Onor. Robert Cutajar,
10. Konklużżjonijiet mis- Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis
11. Diskors ta' għeluq mill- President, is-Sur Mario Fava
12. Aġġornament

## 1. Introduzzjoni mill-President

1.1 Il-President ta merħba lil dawk preżenti. Semma li matul dawn l-aħħar xhur l-Assoċjazzjoni kienet attiva' permezz tal-impenn tiegħu f' kumitat li twaqqaf mis-Segretarjat biex flimkien ifasslu l-proposti li kienu user jitpoġġew għad-diskussjoni matul il-laqgħa Plenarja. Il-President stieden lil dawk preżenti biex jipparteċipaw fid-diskussjoni għax huwa fl-interess ta' dawk kollha.

## 2. Addozzjoni tal-Aġenda, qari u approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-President ikkunsidra moqrija l-minuti tal-Laqgħa Plenarja li nżammet nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2018.

2.2 Fuq proposta tal-President, dawk preżenti qabblu li l-minuti jiġu approvati.

## 3. Punti maħruġa mill- minuti

3.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni baqgħet għaddejja bil-laqgħat mal-entitajiet ikkonċernati biex tkompli bil-ħidma fuq il-punti li tqajjmu waqt il-Laqgħa Plenarja rigward il-Permessi fil-lokalitajiet u l-infurzar lokali.

3.2 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed iżomm lill-Kunsilli Lokali aġġornati b'dak kollu li jkun għaddej.

## 4. Spjegazzjoni tal-Proposti fl-emenda tal-liġi għall- Gvern Lokali mill-President, is-Sur Mario Fava

4.1 Is-Sur Fava beda billi jagħti spjegazzjoni tal-propost ippreżentati fil-White Paper għall-emenda fil-liġi tal-Gvern Lokali.

4.2 Il-President għamel referenza għall-preżentazzjoni li tinsab annessa mal-minuti u mmarkata bħala Dok A.

4.3 Il-President spjega li il-proposti tar-Riforma ġew imqasma f' ħames taqsimiet:

a. Ir-Reġjuni : Bdil fil-kompożizzjoni tar-Reġjuni kif ukoll tisħieħ fl-irwol u r-responsabbilitajiet immexxi mis-Sur Jesmond Aquilina

b. Il-Qasam Soċjali, Edukattiv u Komunitarju : Estensjoni ta' servizzi, għarfien liċ-ċittadin, permessi maħruġa, tisbiħ fil-lokalita u integrazzjoni immexxi mis-Sur Mark Grech
c. Il-Kariga tas-Sindku u responsabilitajiet tal-Kunsilliera Lokali u t-terminazzjoni tal-Kumitati Amministrattivi mmexxi mis-Sur Michael Cohen
d. Parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini lokali; sehem akbar miż-żgħażagħ mmexxi mis-Sur Sandro Craus
e. Tisħiħ fir-riżorsi umani u fl-amministrazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali

4.4 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni temmen fil-ħarsien lejn l-Awtonomija tal-Gvern Lokali, id-deċentralizzazzjoni, il-qafas legali, il-fattur ekonomiku, il-moniteraġġ tal-operat u fuq kollox l-aspettattiva taċ-ċittadin.

4.5 Il-President enfasiza l-importanza li l-Kunsilli Lokali jaħdmu qrib ir-resident. Dan jista' jidher anki f' Kunsilli Lokali li ħadmu b' dan il-mod u frott ta' dan inkisbu riżultati superjuri. Fejn kien hemm tmexxija bilgħaqal, b' kontroll fuq l-aspett finanzjarju u sensittivita' lejn il-bżonnijiet tal-lokalita', ir-riżultat kien wieħed li jiggarantixxi sinerġija u affinitivita' bejn il-lokal u r-resident.

4.6 Il-President semma li għadd hemm ħafna oqsma fejn wieħed irrid jaħdem aktar; fuq is-settur ambjentali, ġbir u mmaniġjar tal-iskart kif ukoll żamma ta' indafa fil-lokalita' fost l-oħrajn.

4.7 Il-President semma li l-Kunsill għandu jimraħ għal inizjattivi mas-settur privat biex b'hekk ma jistriħx biss fuq l-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill għandu jifhem id-dinamika tal-irwol tiegħu u jiftaħ konsultazzjoni mar-residenti fejn minn hemm jinbtgħu ideat innovattivi. Ir-resident għandu jkun parteċipi fil-pjan ta' ħidma li jfassal il-Kunsill biex b' hekk il-moniteraġġ ikun wieħed naturali fejn ir-resident ikun f'pożizzjoni aħjar biex jikkompara dak li ġie ppjanat ma' dak li ġie attwat.

4.8 Il-President semma li dan kollu ma jkunx possibbli mingħajr l-importanza tal-ħidma li jwettaq it-tim tal-Moniteraġġ fid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Din ser tkun ukoll ħidma konġunta mal-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali.

4.9 Il-Kunsilli Reġjonali ser ikunu msaħħa kemm finanzjarjament permezz ta' allokazzjonijiet diretta mingħand il-Gvern Ċentrali kif ukoll b' għotja ta' responsabbilitajiet ġodda li ser jiġu fdati lijlhom. Dawn ser ikunu jistgħu jassistu wkoll bl-aħjar mod lill-Kunsilli Lokali.

4.10 Il-President semma li kulħadd jifhem l-importanza li Kunsill għandu jkollu amministrazzjoni b'saħħitha, bl-aħjar ħaddiema u membri tal-Kunsill. Għaldaqstant, ser jiġi mfassal ukoll programm ta' taħriġ għall-Kunsilliera u ħaddiema biex anki jitwessa' l-għarfien ta' x' joffri l-Kunsill filwaqt li ċ-ċittadin isib quddiemu ħaddiema aktar infurmati u aġġornati bl-affarjiet kurrenti.

4.11 Il-President semma li rridu naraw li l-Kunsilli Lokali jimpenjaw bis-sħiħ il-ħidma tagħhom fil-qasam soċjali u li ma jħallux lir-residenti jħossuhom soċjalment esklużi. Għalhekk, il-Kunsilli Lokali ser ikunu qegħdin jagħtu prijorita' u jpoġġu liċ-ċittadin fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet. Il-President semma kif ser:

- Jiġu megħjuna tfal u żgħażagħ biex jitħarġu aktar fl-edukazzjoni. Filwaqt li jingħataw aktar taħriġ akkademiku kif ukoll tekniku, dan isir permezz ta' kordinazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali. L-irwol tar-Reġjuni ikun li jassisti lill-Kunsill biex japplika għall-fondi/skemi biex ikun jista' jsir dan it-taħriġ.
- Jiġu ddentifikati u mantnuti spazji pubbliċi ġodda. Il-Kunsill ser ikun ukoll responsabbli li jorganizza attivitajiet biex jinħoloq ambjent ta' familja fil-lokalita'.
- Tingħata kull għajnuna meħtieġa lill-anzjani u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill għandu jħarreġ persuni li jaħdmu mal-Kunsill li jkunu kapaċi jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet.
- Għandha titnieda Mobile App biex il-Kunsill jersaq aktar viċin ir-resident. Dan iwassal biex l-ilmenti u s-suġġerimenti jidħlu mill-ewwel għand il-Kunsill kif ukoll għand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.
- Aktar investimenti fi playingfields sabiex dawn mhux biss ikunu attrajenti imma wkoll siguri.
- Il-Kunsilli ser ikunu inċentivati sabiex waqt attivitajiet kulturali jużaw kemm jista' jkun it-talent lokali anki biex iż-żgħażagħ u nies mil-lokal ikollhom opportunijtajiet biex jesebbixxu l-kwalitajiet tagħhom.
- Ser ikun hemm ukoll għajnuna lill-Kunsilli Lokali biex ifasslu pjan ta' ħidma biex ikun hemm integrazzjoni bejn kulturi diversi li hemm fil-lokalita'.
- L-importanza u l-bżonn tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadin. Il-Kunsilli ser ikunu qed jintalbu biex jagħmlu laqgħat mar-residenti fejn jiġu diskussi l-Estimi Finanzjarji kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill rispettiv.

4.12 L-għan ta' din ir-riforma huwa li l-Kunsill jieħu aktar irwol ċentrali fil-ħajja tar-resident filwaqt li jkun ukoll fiċ-ċentri tas-servizzi mogħtija mill-Gvern Lokali. Dawn il-proposti flimkien mal-emendi fil-liġi ser isaħħu l-fiduċja bejn ir-resident u l-Kunsill Lokali.

4.13 Il-President semma, li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qiegħda tkompli l-ħidma tagħha fix-xhur li ġejjin fejn ser tkompli d-diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati fuq ħtiġijiet kurrenti li l-Kunsilli Lokali qed jaffaċjaw ta' kuljum fosthom; ġbir u mmaniġġjar tal-iskart, permessi fuq żoni ta' żvilupp u assistenza oħra li l-Kunsilli Lokali jkollhom bżonn minn żmien għall-ieħor.

4.14 Il-President ikkonkluda li huwa jemmen li bl-impenn u l-ħsieb ta' kull wieħed u waħda minnkom li llkoll toffru ħidma fi ħdan il-Kunsilli Lokali, inkorporta ma' tisħieħ fl-impenn ta' kull ċittadin għadna niksbu riżultati mixtieqa kif ukoll li jissodisfaw l-aspettattivi tar-resident.

**5. Spjega fuq is-suġġett mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, is- Sur Natalino Attard**

5.1 Is-Sur Attard semma tliet possibilitajiet ta' kif wieħed jista' jirreġistra l-opinjoni tiegħu. Dan jista' jsir permezz:

- Website li fuqha hemm il-White Paper
- www.localgovernment.gov.mt
- Jista' jintbgħatu bil-posta lis-Segretarjat għall-Gvern Lokali

5.2 Semma li l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika ser ikun miftuħ sa 30 ta' Novembru 2018.

5.3 Sena ijlu twaqqaf kumitatt tar-riforma. Semma wkoll li saru konsoltazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, fosthom;

- AKL
- ANSEK
- Partiti Politiċi

5.4 Is-Sur Attard semma li proposti tekniċi ma niżlux bħala parti mid-dokument.

5.5 Semma wkoll li l-liġi tal-Kunsilli Lokali fih 80 artiklu, 11-il skeda (stemi, mappep, 6 skedi – standing orders). Dan il-kummitat fl-istess żmien ta' tfassil ta' whitepaper beda wkoll jevalwa l-liġi tal-White Paper. L-aħħar riforma li saret kient fl-2009, f' dan l-istat anki dak li sar 10 snin ijlu ġie evalwat.

5.6 Malta għandu jkollha żewġ livelli ta' Gvern Lokali.

5.7 Qed jiġi propost li jkun hemm żieda ta' 32 Skedi, fosthom;

- Protokol għall-Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera Lokali. Dan id-dokument għandu jidħol parti mil-liġi u jkun infurzat. Dan irrid jirrikonoxxi lis-sindku tal-lokalita'.
- Kodiċi ta' Etika għar-rappreżenatnti eletti fil-Kunsilli Lokali

- Responsabilitajiet tal-Kunsilliera – fejn żdiedet ukoll l-integrazzjoni

5.8 Is-Sur Attard għamel ukoll referenza għall-allokazzjoni finanzjarja li ser ikollhom ir-Reġjuni.

5.9 Semma wkoll li Kunsill Lokali li ser jagħmel self irrid ikollu financial projectios ta' kif ser iħallas dak li jkun issellef.

5.10 Semma wkoll kif il-Business Paln għandu jiġi approvat waqt laqgħa Ġenerali u għandu jkun hemm aġġustamenti skond il-ħtieġa.

5.11 Is-Sur Attard semma wkoll li l-AKL insistiet għal-għotja ta' leave għal membri eletti. Mhux ser tkun faċli anki fil-qasam tal-privat imma qed tiġi proposta abbażi li diġa teżisti fil-qasam sportiv.

5.12 Is-Sur Attard semma wkoll li:

- Ser ikun hemm Kunsillier responsabbli mil-Kommunitajiet Amministrattivi
- Kunsill irid ikollu Deputat Segretarju Eżekuttiv biex ix-xogħol tal-Kunsill ikun jista' jkompli f' każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun indispost
- Segretarju Eżekuttiv għandu jitneħħa abbażi ta' passi dixxiplinarji bż raġunijiet ġustifikati. Għandhom jiġu sospiżi bi dritt ta' ħlas
- Kull Kunsill Lokali għandu jkollu Segretarju Eżekuttiv full-time
- Laqgħa b' urgenza li għandha issir flimkien mas-Sindku u ma' terz tal-kamra biex tiġi diskussa l-materja b' urgenza. Mozzjoni tista' titressaq mingħajr sekondant

## 6 Preżentazzjonijiet tal- Workshops

### 6.1 Ir-Reġjuni : Bdil fil-kompożizzjoni tar-Reġjuni kif ukoll tisħieħ fl-irwol u r-responsabbilitajiet immexxi mis-Sur Jesmond Aquilina

6.1.1 Is-Sur Aquilina semma li s-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula għamel studju fuq ir-Reġjuni b' parteċipazzjoni ta' 51 Kunsill. Ir-rispons li ħareġ minn dan l-istudju kien li r-Reġjuni huma meħtieġa.

6.1.2 Is-Sur Aquilina semma li waqt il-workshop ma kienx hemm qbil fil-proposta tal-kompożizzjoni ta' kif kienu ser jinqasmu r-Reġjuni

6.1.3 Semma wkoll li kienet saret diskussjoni fuq is-sejħiet għall-offerti għal ġbir tal-iskart. Is-Sur Aquilina semma li r-responsabbilita' assoluta trid tibqa' għand il-Kunsill peress li kull Kunsill ikun jaf il-bżonnijiet tiegħu.

6.1.4 Fuq l-isem Kunsill Reġjonali – għandu jkun Gvern Reġjonali

6.1.5 Is-Sur Aquilina, semma li qamet ukoll id-diskussjoni fuq kif jiġi maħtur il-President Reġjonali. Filwaqt li semma li ma kienx hemm qbil jekk għandux ikun ċittadin kwaliunkwe jew inkella Kunsillier.

6.1.6 Is-Sur Aquilina semma li hemm ħafna xi jsir bħala Reġjun u li dan huwa biss il-bidu tad-diskussjoni.

## 6.2 Il-Qasam Soċjali, Edukattiv u Komunitarju : Estensjoni ta' servizzi, għarfien liċ-ċittadin, permessi maħruġa, tisbiħ fil-lokalita u integrazzjoni immexxi mis-Sur Mark Grech

6.2.1 Is-Sur Grech semma li b'mod naturali qamet diskussjoni fuq Infrastructure Malta u anki l-Aġenzija LESA.
6.2.2 Semma wkoll l-argument li jekk il-Kunsill Lokali ġej Gvern Lokali, dan jista' jfisser ukoll li ser ikollu s-seta' li jagħmel policies.
6.2.3 Issemma wkoll il-ħtieġa ta' Customer Care għal ħinijiet itwal, għandu jkun hemm riżorsi finanzjarji u anki umani li jiffaċilitaw dan is-servizz.
6.2.4 Semma li jiġu msaħħa relazzjonijiet ma' entitajiet oħra li l-Kunsill irid jikkomunika magħhom biex joffri servizz.
6.2.5 Għandhom jittellgħu aktar attivitajiet għar-resident.
6.2.6 Semma li hemm nuqqas ta' qbil fuq fejn issir centralizazzjoni tal-ġbir tal-iskart. Hemm bżonn ta' aktar spjegazzjonii ta' kif ser tiġi implimentata u dan qed iwassal għal ċertu biża' fil-Kunsill.
6.2.7 Isemma wkoll li notifiċi m'għandhomx isiru biss bil-Malti u bl-Ingliż imma wkoll b' lingwi diversi minħabba d-diversifikazzjoni ta' lingwi fil-lokalita'.
6.2.8 Hemm bżonn li jsiru aktar studji xjentifiċi. Għandu jkun hemm fondi allokati għal dan.
6.2.9 Semma li għandu jkun hem kunsill ta' tfal u żgħażagħ.
6.2.10 L-AKL għandha tieħu spunt biex tirrikonoxxi attvitajiet li jittellgħu fil-lokalitajiet
6.2.11 Semma wkoll li ħruġ taż permessi għandhom jinħarġu wara li r-resident ikun għamel rikjesta minn qabel u mhux mil-lum għal-lum.
6.2.12 Issemma wkoll it-tħassib tal-permessi li qed joħorġu ta' mwejjed u siġġijiet f' postijiet pubbliċi.

## 6.3 Il-Kariga tas-Sindku u responsabilitajiet tal-Kunsilliera Lokali u t-terminazzjoni tal-Kumitati Amministrattivi mmexxi mis-Sur Michael Cohen

6.3.1 Is-Sur Cohen beda billi ta spjega tal-punti li qamu waqt il-workshop.

**6.3.1.1 L-Irwol tas-Sindku**

- Viċi – Sindku huwa kariga importanti wkoll
- L-Irwol tas-Sindku għandu jiġi msaħħaħ anki b' taħriġ
- Kunsilliera għandhom ikunu mħarġa biex ikunu proattivi fl-irwol tagħhom
- Għandu jkun hemm evalwazzjoni tas-Sindku kull sena kif ukoll għall-ħidma li tkun għaddeja fil-Kunsill
- Aktar moniteraġġ
- Aktar rispett mill-awtoritajiet u jiġi rikonoxxut b' mod legali

**6.3.1.2 Sindku full –time jew part-time**

- Is-Sindku trid toffrijlu l-pakkett finanzjarju
- Il-Viċi Sindku għandu jkollu pakkett finanzjarju wkoll – onorarja xierqa
- L-isfidi huma kbar u s-Sindku jrid ikun mal-poplu u qrib il-poplu
- Għandha tkun l-għażla tas-Sindku filwaqt li l-paga għandha tirrifletti l-kobor tal-lokalita'
- Sindku full-time għandu jkun hemm linji gwida biex ma jkunx hemm abbużi mil-irwol
- Sindku jkollu salarju li jirrifletti dawk ir-responsabbilitajiet
- Meta Sindku ser ikun full time u mħallas dan ser ikun fit-target tal-poplu
- Minimu ta' €30,000 fis-sena – ekwivalenti għal ta' Segretarju Eżekuttiv
- Salarju għandu jikkorispondi ma' dak ta' Chairman/ CEO
- Paga tas-Sindku hija kruċjali biex wieħed jieħu deċiżjoni
- Jekk ikun ħaddiem mal-Gvern jew mal-Privat ser ikun hemm dritt li wieħed imur lura fuq il-post tax-xogħol tiegħu?
- Lokalitajiet kbar is-Sindki u anki l-Kunsilliera diġa qegħdin full-time
- Għandu jkun hemm il-ħsieb li tiġi introdotta pensjoni ta' Sindku

- Żmien tranżitorju b' paga biex wara li jispiċċa t-terminu jerġa' jistabbilixxi ruħu fid-dinja tax-xogħol

**6.3.1.3 Terminu tas-Sindku – Kontra ta' Terminu Fiss**

- Dan għandu jirrifletti id-deċiżżjoni taċ-ċittadini
- M' għandux ikun hemm terminu ladarba dan jiġi elett mill-poplu
- Jekk ikun hemm terminu dan għandu japplika wkoll għall-Membri
- Ħa morru kontra d-demokrazija u x-xewqa tar-resident
- Terminu tas-Sindku għandu jkun speċifikat imma wkoll għandu jkun full-time.
- Meta persuna tkun ijlha ħafna fl-istess kariga hemm periklu kbir li l-linja ta' ħsieb tibqa' dejjem l-istess

**6.3.1.4 Kumitati Amministrattivi**

- Għandu jkun hemm Kunsillier magħżul biex imexxi l-hamlet
- Kumitatti li għadhom jiffunzjonaw tajjeb m'għandhomx jitneħħew. Jiġu xolti biss dawk il-kumitati li mhux jiffunzjonaw
- Hemm kumitati amministarttivi li jiltaqgħu spiss, oħrajn le
- Għandhom jingħataw għodda biex jaħdmu u mhux jiġu xolti
- Irridu nirrikonoxxu l-frott li għamlu dawn il-kumitati

## 6.4 Parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini lokali; sehem akbar miż-żgħażagħ mmexxi mis-Sur Sandro Craus

6.4.1 Is-Sur Craus semma li ġie diskuss l-irwol taż-żgħażagħ u l-Vot 16 li kien tarġa importanti għal-lokalitajiet tagħna.

6.4.2 Is-Sur Craus enfasizza li għad hem diskussjoni jekk persona ta' 16-il sena jiġi elett jistax eventwalment isir Sindku. Saret ukoll diskussjoni fuq kemm dan l-irwol jista' jaffettwa l-ħajja personali ta' dawn iż-żgħażagħ.

6.4.3 Semmew ukoll id-deċiżjonijiet li l-Kunsill irid jieħu kemm dan ser ikun possibbli li żgħażagħ ta' sittax-il sena ser ikunu f' pożizzjoni li jieħdu.

### 6.5 Tisħiħ fir-riżorsi umani u fl-amministrazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali mmexxi minn Dr. Silvio Debono

6.5.1 Dr. Debono semma li d-diskussjoni bdiet fuq ir-riżorsi umani ġewwa l-Kunsilli Lokali.

6.5.2 Id-diskussjoni nfirxet ukoll fuq ir-relazzjoni ta' ħidma li għandu jkun hemm bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

6.5.3 Issemma wkoll li għandu jkun hemm eżekuzzjoni ta' poter bejn is-Sindku u s-Segretarju

6.5.4 Id-diskussjoni daret ukoll fuq il-kompetenzi għas-Seklu li jmiss. Issemmew x' kompetenzi hemm bżonn, filwaqt li saret enfasi għal profesjonisti f' diversi oqsma bħal urban planners u contract managers.

6.5.5 Id-diskussjoni daret ukoll mal-użu importanti tat-tekonoloġija.

## 5. Konklużżjonijiet fuq il-punti diskussi waqt il workshops mill-President, is-Sur Mario Fava

5.1 Is-Sur Fava semma li bħala l-Assoċjazzjoni ħadet nota ta' dak kollu li ġie konkluż mil-workshops u ser tkun qed tgħaddi l-proposti f' dokument li l-AKL ser tkun qed tħejji.

5.2 Il-President semma li dawn ir-rimarki ser ikunu qegħdin jgħaddu għand is-Segretarjat waqt il-laqgħa ta' Konsultazzjoni mal-AKL.

## 6. Diskors mill-Perit Carmel Caccopardo (Alternattiva Demokratika)

6.1 Il-Perit beda id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għall-istedina kif ukoll għall-ħin li qed tiddedika biex kulħadd isemma leħnu.

6.2 Il-Perit semma li minkejja kollox trid tinbidel l-attitudni tal-istituzzjonijiet nazzjonali. Għandu jkun hemm aktar kuntatt u konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

6.3 Il-Perit semma wkoll li għadd hemm affarjiet li għadhom mhux jiġu diskussi u għadhom ma natgħawx importanza, bħal pereżemju; interazzjoni u ħidma bejn il-

Kunsilli Lokali u l-Protezzjoni Ċivili, l-użu tal-Lingwa tas-Sinjal f' entitajiet pubbliċi u ħafna oħra.

6.4 Il-Perit semma li għandu jkun hemm ukoll Local Plans u għandu jkun hemm distinzjoni ibejn Reġjun Agrikolu u Reġjun Urban.

6.5 Semma wkoll li m'għandiex tinħoloq differenza bla bżonn fejn f' local ikun hemm Sindku full-time u f' local ieħor is-Sindku ma jagħżilx li jkun full-time. Semma wkoll li l-idea ta' Sindku full-time m'għandiex tati lok għall-ideal li l-Kunsilli jispiċċ *one man shop*.

6.6 Il-Perit ikkonkluda billi enfasizza l-importanza li kull Membru tal-Kunsill għandu jkun ivvalutat.

## 7. Diskors mill-Kelliem ghal Gvern Lokali, l-Onor. Robert Cutajar

7.1 L-Onor. Robert Cutajar semma li l-Partit Nazzjonalista ressaq 80 proposta li fil-fehema tiegħu kienu fattibbli.

7.2 Semma li l-Partit Nazzjonalista jaqbel mat-tisħiħ tar-Reġjuni imma jemmenu wkoll li r-responsabbilitajiet għandhom ikunu aktar definiti.

7.3 Semma wkoll li r-Riforma biex tkun suċess għandha tkun riforma tal-poplu.

7.4 Saret ukoll referenza li għandu jkun hemm social impact asessment f' kull lokalita'.

7.5 Jemmen ukoll bi sħiħ li l-ħaddiema fil-Kunsilli Lokali għandhom ikunu motivati.

7.6 L-Onor. Cutajar semma wkoll li nofs miljun Euro għar-Reġjuni mhumiex fondi suffiċjenti.

7.7 L-Onor Cutajar għamel referenza għal-Budget 2019 fejn semma l-irrinovar tal-pjazzez u anki l-ġlieda kontra l-obeżita'.

7.8 L-Onor. Cutajar semma wkoll l-Avviż Legali fuq l-Iskar u l-proċess li adottat l-Wasteserv u li kif sostna kien process fallut.

## 8. Diskors mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis

8.1 L-Onor. Silvio Parnis fetaħ id-diskors tiegħu billi semma li huwa jirrikonoxxi l-fatt li għandu jkun hemm ħidma konġunta bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Semma li din issa għandha tkun aktar minn qatt qabel biex il-finanzi allokati li issa

jleħqu għal 6.5 miljun Euro jintnefqu u jintużaw bl-aħjar mod possibbli għall-ġid tal-kommunita'.

8.2 Jemmen li r-Reġjuni ma ngħatawx biss responsabbilitajiet imma wkoll aktar poteri li għaldaqstant dawn ser ikunu riflessi fl-allokazzjoni finanzjarja li ser tkun qed tingħatalhom.

8.3 L-Onor. Parnis semma wkoll l-importanza li l-Kunsill juża s-servizz tal-contract managers. Semma wkoll kif il-Kunsilli ser ikunu qed jibbenifikaw minn EU Funds Officers li ser ikunu allokati mar-Reġjuni.

8.4 L-Onor. Parnis ikkonkluda billi irringrazzja lil dawk li kienu fuq il-Board tar-Riforma.

## 9. Konklużjoni mill-President tal-Assocjazzjoni, s-Sur Mario Fava

9.1 il-President beda billi sellem lil ex - Kunsilliera fil-Kunsilli Lokali ta' Pembroke, is-Sa. Evelyn Vella Brincat.

9.2 il-President semma l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tkompli taħdem matul l-aħħar tliet xhur tas-sena, kif ukoll ser tkun qed tikkonkludi diversi ftehim mal-entitajiet ikkonċernati.

9.3 Il-President ippreżenta preżentazzjoni fuq il-ħidma tal-AKL li hija pjanata għal matul l-aħħar tliet xhur tas-sena. Preżentazzjoni annessa u mmarkata bħala Dok B.

9.4 il-President ippreżentat donazzjonijiet lil Fondazzjoni ALS – Dar Bjorn, l-Ursolini kif ukoll Dar Papa Franġisku. Dawn id-donazzjonijiet kienu parti mil-attivitajiet li l-Assoċjazzjoni kienet qed torganizza f' għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali.

9.5 Il-President irringrazzja lill-Eżekuttiv u l-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni kif ukoll lil dawk kollha preżenti tal-ħidma u s-support li dejjem urew.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa aġġornat għal-ħabta ta' sagħtejn ta' wara nofs inhar u dawk preżenti ġew mistiedna għal-ikla ta' wara nofs inhar.

| | |
|---|---|
| Mario Fava | Lianne Mifsud |
| President | Segretarju Eżekuttiv |